# IT-TRIDU SOLENNI TAL-GĦID

It-tlett ijiem tal-Passjoni mewt u tal-Qawmien jibdew bil-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka, bl-Ikla tal-Mulej, ikomplu bil-velja tal-Għid u jispiċċaw bil-Għasar ta' ħadd il-Għid. Il-passjoni l-mewt u l-qawmien ta' Sidna Ġesu' Kristu huma l-qofol tas-sena liturġika.



**Ħamis ix-Xirka filgħaxija: It-twaqqif tal-Ewkaristija**

- B'din il-quddiesa jibdew il-festi tal-Għid. Niftakru f'dik l-Aħħar Ikla meta l-Mulej, fil-lejl li fih ġie ttradut, ħabb għall-aħħar lil tiegħu li kienu fid-dinja, offra lil Alla Ġismu u Demmu taħt l-ispeċi tal-ħobż u l-inbid u tahom lill-appostli, u ordnalhom biex jagħmlu dan b'tifkira tiegħu.

**Il-Ġimgħa l-Kbira: Il-Passjoni u l-mewt glorjuża tal-Mulej**

- **Dan hu Jum ta' sawm u astinenza!** F'dan il-jum, illi fih Kristu, l-Għid tagħna, ġie ssagrifikat, il-Knisja, bil-meditazzjoni fuq il-passjoni tas-Sinjur u bl-adorazzjoni tas-Salib, tfakkar il-bidu tagħha u titlob għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.

**Sibt il-Għid**

- Illum il-Knisja tieqaf ħdejn il-qabar tal-Mulej u timmedita l-mewt tiegħu, filwaqt li tishar fit-talb hi u tistenna l-qawmien tiegħu mill-mewt.

**L-Għid Imqaddes: Il-Qawmien tal-Mulej mill-mewt**

- Is-sahra li tiċċelebra l-qawmien mill-mewt tal-Mulej hi l-akbar ċelebrazzjoni tas-sena. Il-Missirjiet tal-Knisja jsejħulu l-aktar lejl mixtieq tas-sena. Il-Knisja hija mistiedna għall-festa tat-tieġ, fejn l-għarus Kristu ħejja għaliha bħala ikla dik tal-Ewkaristija.

*Dun Nazju Borg, Kappillan San Lawrenz (mis-Sussidju għar-Randan 2009)*

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

| | |
|---|---|
| *It-Tlieta 7 ta' April:* | Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni (Ċelebrazzjoni Komunitarja tal-Qrar fil-Parroċċi) / Jum Dinji tas-Saħħa (NU) |
| *Il-Ħamis 9 ta' April:* | Ħamis ix-Xirka: Quddiesa tal-Griżma (Katidral - 9.00am) / Ikla għas-Saċerdoti (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb) / Ġabra Djoċesana (Quddiesa ta' filgħaxija) It-42 anniversarju tal-konsagrazzjoni tal-isqof emeritus Nikol Ġ. Cauchi |
| *Il-Ġimgħa 10 ta' April:* | Il-Ġimgħa l-Kbira (Jum ta' sawm u astinenza) |
| Is-Sibt 11 ta' April: | Is-Siegħa tal-Omm: Ċelebrazzjoni Marjana (Santwarju ta' Pinu - 9.00am) |
| *Il-Ħadd 12 ta' April:* | L-Għid il-Kbir |

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu, qawwini bil-grazzja tiegħek ħalli xejn ma jaqtali qalbi fil-mixi tiegħi miegħek fit-triq tas-salib.*

gozopress • 21551534





# Bullettin tal-Ħadd

Sena Pawlina 2008 - 2009

Ħadd il-Palm u l-Passjoni • Sena B • L-40 Sena (2088) • 5 ta' April 2009




Il-folol ta' nies li kienu ġew għall-festa, kif semgħu li Ġesù kien ġej Ġerusalemm, ħadu l-friegħi tal-palm u ħarġu jilqgħuh. U bdew jgħajjtu:! Ġesù sab felu u rikeb fuqu, kif hemm miktub, "Tibżax, bint Sijon! Għall-ewwel id-dixxipli tiegħu ma fehmuhomx dawn il-ħwejjeġ; iżda meta Ġesù kien igglorifikat, mbagħad ftakru li dan kien inkiteb fuqu, u hekk għamlulu

**RIFLESSJONI**

- B'liema mod qed nilqa' lil Kristu fil-ħajja tiegħi?
- Ġie li nibdel l-atteġġjament tiegħi : daqqa ngħid Ħosanna u daqqa ngħid sallbu?
- Lest li nitla' ma' Ġesu lejn Ġerusalem, b'rieda sħiħa biex nilqa' is-salib?
- Ġie li t-tgħajjir, il-biża, qatgħuli qalbi quddiem is-salib?
- Naċċetta s-salib fil-ħajja tiegħi bi spirtu ta' ubbidjenza lejn Alla għax naf li huwa jħobbni?

*Ħarġu jilqgħuh*